**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 37 – L-ERBGĦA 29 TA' SETTEMBRU 2021**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**37.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

37.1.1 Ma kienx hemm.

**37.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

37.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (36) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Bernice Farrugia issekondat.

37.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

### 37.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

37.3.1 Ma kienx hemm.

### 37.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

37.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa rigward l-applikazzjoni li l-Kunsill għandu mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar is-Sala tal-Kunsill li tinsab fi Triq Dr. L.F. Mizzi - PA 4286/21 '*Proposed internal additions in order to render hall dividable and more accessible including proposed construction of a fully accessible ramp at the entrance*'. Is-smiegħ kien nhar it-22 ta' Settembru fejn kien preżenti l-Perit tal-Kunsill. Jirriżulta li l-Bord staqsa numru ta' mistoqsijiet dwar l-użu tas-Sala inkluż dwar ir-regularizazzjoni tas-Sala li ottjena l-Kunsill mill-istess Awtorità riċentement. Is-Sindku informa li wara li l-Perit għamel il-każ għan-nom tal-Kunsill, kien deċiż li l-każ jiġi differit u d-determinazzjoni tal-applikazzjoni se tiġi deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2021. Għal dan il-*webmeeting,* se jkun qed jassisti l-avukat tal-Kunsill.

37.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar il-proġett ta' Triq il-Wied partikolarment dwar l-*istorm water culverts* fejn kien infurmat li wara l-ewwel maltempata jirriżulta li l-*istorm water culverts* ma kienux *fully functional* għax kien għad fadal xogħol xi jsir biex jiġu kkonnettjati mal-infrastruttura *underground*.

Għamel riferenza għall-ħsejjes mill-istess gradilji tal-*istorm water culverts* kull darba li tgħaddi vettura minn fuq dawn il-gradilji nkluż il-*manholes* tad-drenaġġ. Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien esprima dan l-inkonvenjent mall-Perit u CEO tal-Aġenzija Infrastructure Malta però baqa' mingħajr forma ta' reazzjoni. Semma kif f'lokalitajiet oħra fejn ġew implimentati dan it-tip ta' gradilji tal-*istorm water* fi proġetti preċedenti madwar Malta, ma jagħmlux ħsejjes bħal fil-każ tal-Iklin. Proprju minħabba din is-sitwazzjoni, s-Sindku ippropona li l-Kunsill jikkummissjona Inġinier indipendenti biex jeżamina din l-infrastruttura u nieħdu parir għaliex ma jistax ikun li r-residenti milquta jibqgħu jgħixu b'dawn l-inkonvenjenzi. Il-Kunsill għandu obbligu li jara li r-residenti jkollhom kwalità ta' ħajja tajba u l-Kunsill irid jaċċerta ruħu li l-implimentazzjoni tal-*istorm water culverts* saru skont is-sengħa u l-arti.

Is-Sindku qal li l-Kunsill baqa' jistenna b'kawtela u baqa' jistenna li d-diffikultajiet jiġu riżolti f'qasir żmien però qed jidher li nqabeż kull limitu. Triq li ilha biex titlesta kważi sentejn u għad hemm dawn id-difetti mhux aċċettabbli.

Is-Sindku xtaq li jipprova jsewwi s-sitwazzjoni tat-triq però qal li jekk ma naslux, is-Sindku ma jeskludix li jkollu jitlob parir legali. Ikkonkluda li f'dan l-istadju kien importanti li l-Kunsill jikkummissjona inġinier biex iħejji rapport tekniku dwar l-infrastruttura eżistenti tat-triq biex fil-mument opportun li tissejjaħ laqgħa ma' CEO tal-Aġenzija Infrastructure Malta, il-Kunsill ikun ippreparat b'rapport tekniku biex nagħmlu l-każ.

37.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva fattura Mingħand l-iskema awtorizzata GreenMT għal skart kontaminat mitfugħ fil-borża l-griża (riċikklabbli). Jirriżulta li l-kumpannija WasteServ wara li għamlet waste characterization sabet li l-ammont ta' skart kontaminat kien ta' 34% u milli jidher naqset dan il-persentaġġ meta tiġi biex tħallas lill-Iskema GreenMT. Mingħajr dubju, għaddej diżgwid bejn l-Iskema u l-kumpannija WasteServ. B'riżultat ta' dan, l-Iskema GreenMT tefgħet l-ispiża fuq il-Kunsill għax qed tgħid li skont l-Att tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill hu responsabbli mill-immaniġġjar tal-iskart fil-lokalità. Fil-preżent, jidher li l-Iskema qed tiġi penalizzata għall-iskart ikkontaminat.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien pront u ħa l-każ f'idejh u kiteb lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u anke ikkopja lid-Direttur Ġenerali s-Sur Natalino Attard dwar dan ix-xenarju għaliex skont is-Sindku, il-Kunsill m'għandux dan l-obbligu għax ma toħroġ mill-ebda liġi. Fil-frattemp, il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali s-Sur Fava ta direzzjoni biex il-Kunsill ma jħallas l-ebda spiża. L-istess komunikat wasal mingħand id-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali s-Sur Attard fejn informa lill-Uffiċċju li l-Kunsill m'għandu l-ebda obbligu li jħallas għal dan l-iskart u li l-iskema trid timxi mal-obbligi kuntrattwali tagħha. Is-Sindku ikkonkluda li jekk din tkompli teskala, il-Kunsill ikollu jfittex rimedji permezz tal-assistenza legali.

37.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien irċieva aħbar tajba fejn minn Novembru li ġej ser jibda s-servizz tal-Community Policiing fil-lokalità tal-Iklin.

Is-Sindku qal li fil-laqgħat regolari li jkollu ta' kull xhar ma' Superintendent u l-Ispettur mid-distrett ta' B'Kara, dejjem tqum id-diskussjoni dwar il-ħtieġa li l-lokalità għandu jkollha *foot patrol* li jlaħħqu ż-żoni residenzjali kollha biex ir-resident iħossu sigur fid-dar tiegħu filwaqt li ċertu abbużi jinqatgħu bil-preżenza tal-Community Policing.  Jinsab persważ li ser ikollna riżultati sodisfaċenti li se tgawdi l-komunità u konvint li ċertu abbużi li l-Kunsill ilu jisħaq fuqhom matul dawn l-aħħar snin jiġu ndirizzati u riżolti.

## 37.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

37.5.1 Il-Kunsillier Godwin Catania ikkummenta dwar ċerti kummenti li għaddejjin fuq il-mezzi soċjali Iklin Residents fir-rigward tal-proġett ta' Triq il-Wied fejn qal li saret ċertu kritika u attakki kontra persuni partikolari wara li qed isir dan il-proġett.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li hu qatt ma attakka lil ħadd u żied jgħid li s-Sindku m'għandux kontroll fuq ir-residenti u qal li l-ammont ta' moderazzjoni li jagħmel fil-konfront tal-*facebook page* huwa wieħed kbir.

37.5.2 Il-Kunsillier Bernice Farrugia ikkummentat ukoll fuq *post* partikolari li deher fuq il-mezzi soċjali 'Iklin Residents' fejn ħassitha urtata li hi u l-Kunsillier Catania ma ġewx *tagged* bħal fil-każ tal-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillier Emanuel Zammit fejn ingħata l-appoġġ lir-residenti minħabba l-inkonvenjenzi fuq it-triq.  Il-Kunsillier Farrugia tistqarr li kemm hi u kemm il-Kunsillier Catania kienu ser jagħtu l-istess appoġġ lir-resident fuq materji li qed jaffettwaw lir-residenti fl-imsemmija triq.  Il-Kunsillier Farrugia żiedet tgħid li hi tinsab fl-għama dwar x'qed jiġri fuq din it-triq.

Is-Sindku wieġeb li sa ċertu punt, hu wkoll kien jinsab fl-għama għaliex ma jħossx li hemm komunikazzjoni tajba u ċara bejn l-Aġenzija Infrastructure Malta u l-Kunsill.  Ċertament dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni mhuwiex ġej min-naħa tal-Kunsill.  L-aħħar komunikat li bgħatt lill-Perit u fejn ġiet ukoll ikkuppjata lill-Uffiċċjali oħra għolja fl-Aġenzija, baqgħet ma ġietx imwieġba.

37.5.3 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar x'ġara eżatt mill-ispralli tal-ilma tax-xita fi Triq il-Wied.

Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur riċentement biddel il-materjal kollu tal-ispralli tal-*istorm water culverts* għaliex kienu ta' kwalità inferjuri. Iżda l-inkonvenjent tal-ħsejjes baqa' hemm u hemm anke dubji serji dwar *rain water catchments* fis-sens kemm verament se jkunu qed jiġbru l-ilma tax-xita bil-mod ta' kif ġew implimentati.

37.5.4 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser iħallas biex nikkummissjunaw inġinier indipendenti biex iħejji rapport dwar l-infrastruttura preżenti fi Triq il-Wied.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li ovvjament l-Kunsill irid jassorbi din l-ispiża. *Nem con*.

## 37.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QFR APR-ĠUN 2021

37.6.1 Is-Sindku Dott. Sciberras talab sospensjoni tar-regolamenti biex jiġu diskussi l-items fuq l-agenda 37.9, 37.10, 37.11, & 37.12 minflok item nru. 37.6. Nem con.

37.6.2 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta r-Rapport Finanzjarju li jkopri l-perjodu bejn Jannar u Ġunju 2021.

37.6.3 L-Accountant ta spjegazzjoni fid-dettal tal-Quarterly Financial Report li huwa magħmul minn dan il-kontenut: *Overview & Summary, Statement of Income & Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Datailed Statement of Fiancial Position & Depreciation of Property, Plant and Equipment*.

37.6.4 Minn dan ir-rapport, jirriżulta li l-financial performance għal dan il-perjodu bejn Jannar u Ġunju jirriżulta f'defiċit ta' Eur(4,160). Però meta wieħed iħares lejn il-Financial Situation Indicator, il-persentaġġ huwa wieħed pożittiv ta' 41%.

37.6.5 L-Accountant irrimarka li d-deprezzament sal-aħħar ta' Ġunju 2021, l-ammont kien ta' Eur20, 202 li huwa rifless bħala spiża fl-i*statement of Income and Expenditure*. Fis-sommarju tiegħu l-Accountant informa wkoll li *subvention* li jgħaddi l-Gvern għat-tielet kwart tas-sena kienet daħlet f'dan il-perjodu u naturalment riflessa f'dan ir-rapport fi *Detailed Statement of Financial Position* fejn qed tidher *bħala subvention in*

*advance imma taħt note 14 Payables (Short Term borrowings)*.

37.6.6 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

37.6.7 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report* bejn Jannar u Ġunju 2021.

37.6.8 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. E)**

## 37.7 AĠĠUSTAMENTI LI ĠEW PROPOSTI MILL-UDITURI TAL-GVERN

37.7.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-aġġustamenti li ġew proposti mill-Udituri tal-Gvern.

37.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-preżenti li aġġustamenti materjali jew ta' natura korrettiva biss li jkunu pproponew l-Udituri għandhom jitwettqu. L-ebda aġġustament ieħor m'għandu jsir mill-Kunsill wara li jiġu sottomessi l-Istqarrijiet finanzjarji.

37.7.3 Imbagħad l-Accountant ippreżenta l-aġġustamenti fejn spjega punt punt. Fil-fatt jirriżulta li ħarġet differenza fil-profit li kien ġie rrapurtat fi Frar li għadda meta l-Kunsill ippreżenta l-Istqarrijiet finanzjarji. Għamel riferenza għall-aġġustamenti nru. 11 u 13 fejn spjega li l-Kunsill kien għamel xogħol estensiv ta' Road Patching fi Triq San Mikiel u dan kien ġie kapitalizzat mentri l-Udituri qed ikklassifikawha bħala spiża f'dik is-sena partikolari. L-ammont kien ta' Eur48,940.24c. Kontra din l-ispiża, il-Kunsill kien irċieva Eur34K mill-Kunsill Reġjonali Ċentru.

37.7.4 Is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk b'dan l-aġġustament kienx ser jaffettwa l-kotba tal-Kunsill.

37.7.5 L-Accountant spjega li l-effett tagħha kien ta' *circa* Eur14k u sintendi dan kien ser jiġi rifless fl-Istqarrijiet Finanzjarji.

37.7.6 Kien hemm aġġustament ieħor bl-ammont ta' Eur24,867.95c fejn informa li din iċ-ċifra kienet relatata mall-Miżura 4.3 Proġett ta' ko-finanzjament (Asfaltar ta' Triq il-Ħwawar) fejn l-Aġenzija ARPA għaddiet l-ammont indikat hawn fuq

direttament lill-kuntrattur u l-Kunsill kellu jirrekordja din iċ-ċifra fl-Accounts kif suppost. Dan ħareġ mill-Bank Statement li jirċievi l-Kunsill mingħand Central Bank of Malta kull xhar dwar designated Bank Account in konnessjoni mall-Miżura 4.3.

37.7.7 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet dwar l-aġġustamenti li pproponew l-Udituri. Ma kienx hemm.

37.7.8 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova l-aġġustamenti.

37.7.9 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 37.8 KUNSIDERAZZJONI U APPAROVAZZJONI TAL-ISTQARRIJIET FINANZJARJI.

37.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-Istqarrijiet Finanzjarji finali.

37.8.2 L-Accountant ippreżenta l-istqarrijiet finanzjarji riveduti u spjega fid-dettal il-kontenut magħmul minn dan li ġej: Statement of Local Council Members' and Executive Secretary's Responsibilities, Statement of Financial Position, Statement of Comprehensive Income, Statement of Changes in Equity, Statement of Cash Flows, & Notes to the Financial Statements.

L-Accountant ikkonkluda li wara li daħlu l-aġġustamenti u ġew approvati mill-Kunsill, il-Kunsill Lokali L-Iklin se jkun qed jagħlaq is-sena finanzjarja għas-sena 2020 bi profit rivedut ta' Eur5,187. Dan kien spjegat aktar 'il fuq meta l-Accountant kien qed jispjega l-aġġustamenti li pproponew l-Udituri.

37.8.3 Is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

37.8.4 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsillier Bernice Farrugia biex japprovaw l-istqarrijiet finanzjarji.

37.8.5 Il-Kunsill approva *nem con*.

37.8.6 Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jibgħat l-istqarrijiet finanzjarji finali, iffirmati u datati mill-ġdid lill-Udituri tal-Gvern Lokali.

**(Ara dok. F)**

## 37.9 TWEĠIBA GĦALL-ITTRA TA' DIREZZJONI MINGĦAND L-UDITUR ĠENERALI

37.9.1 Il-Kunsill irċieva l-ittra ta' Direzzjoni tal-Udituri fejn ġiet diskussa fil-preżenza tal-Accountant.

37.9.2 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar diversi punti li ħarġu fl-ittra ta' Direzzjoni tal-Udituri.

37.9.3 L-Accountant informa li l-udituri dejjem jagħmlu l-mistoqsijiet u jitolbu kjarifiċi u wieġeb li jrid iserraħ moħħ kulħadd li ma kien hemm l-ebda punt li kien kwalifikat fl-Ittra ta' Direzzjoni.

37.9.4 Is-Sindku Dott. Sciberras spjega li huwa normali li fil-proċess tal-uditjar tingħata l-istampa reali li tiġri fil-ħajja ta' kuljum però m'hemmx istanzi skont din l-Ittra ta' Direzzjoni li l-Kunsill għandu jkollu konċernament dwar xi miżapproprjazzjoni ta' fondi.

37.9.4 Ġiet imħejjija l-ittra ta' tweġiba fuq kull punt u dan wara li l-Kunsill iddiskuta u fehem il-kontenut kollu tal-Ittra ta' Direzzjoni u sintendi li ser tittieħed azzjoni kif qed jiġi spjegat fir-risposta.

## 37.10 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

37.10.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-31ta' Awwissu u s-27 ta' Settembru 2021 kif jidher fid-dokumenti A u B.

37.10.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1582/21. Eżerċizzju ta' *grass-cutting* fil-parti ta' fuq tal-Iklin.

37.10.3 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar il-korrispondenza nru. 1585/21. Komunikazzjoni dwar President's Solidarity Fun Run 2021.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill se jkun qed jipparteċipa fl-avveniment ta' din is-sena u diġa ġiet stabbilita r-rotta. Fil-jiem li ġejjin se nkunu qed nistennew gwida mingħand il-Kunsill Reġjonali Ċentru li se jkun qed jikkordina mall-Kunsill.

37.10.4 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1627/21. Programm ta' attività fiżika.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità qed tniedi programm ta' attività fiżika fejn persuni li għandhom 'il fuq minn sittin sena se jkunu jistgħu jipparteċipaw fi sports differenti adattat għall-anzjan.

37.10.5 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1650/21. Proġett propost għar-riġenerazzjoni tal-ispazju miftuħ fi Pjazza Ninu Cremona.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif kien deċiż f'seduta preċedenti meta kien qed jiġi diskuss *drafted plan* dwar ir-riġenerazzjoni tal-pjazza, kien hemm qbil li niktbu lill-Awtorità tal-Artijiet dwar il-possibiltà li nintegraw fid-disinn lattrina pubblika u fejn saret talba f'dan ir-rigward biex naraw jekk hemmx ħwienet vakati.

**COMPLAINTS SHEET (31 t'Awwissu - 27 ta' Settembru 2021)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 196 | 31/08/2021 | Hemm kurduna mkissra Triq C Busuttil c/w Triq A Buttigieg | Settled | Triq A Buttigieg | **COUNCIL** |
| 197 | 31/08/2021 | Talba biex jitnaddfu water culverts fi Triq G Abos | pending | Triq G Abos | **PUBLIC WORKS** |
| 198 | 01/09/2021 | Ilment dwar bankina għolja fi Triq Frederick Borg. Problema biex jitilgħu fuqha peress li huma anzjani. | pending | Triq Frederick Borg | **COUNCIL** |
| 199 | 01/09/2021 | Bozza fi Triq Ġ Abos fejn stabbiliment tan-negozju | pending | Triq G Abos | **ENEMALTA** |
| 200 | 06/09/2021 | *Water leakage* f' 44, Triq C Bugeja | pending | Triq C Bugeja | **WSC** |
| 201 | 06/09/2021 | Tindif ta spralli fi' Triq Hwawar, Triq Ġ Abos u Triq C Busuttil | Handyman | | **COUNCIL** |
| 202 | 06/09/2021 | Tindif ta 5 spralli fi' Triq Dun Karm service road | settled | | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 203 | 06/09/2021 | Karozza mitluqa fi Triq E S Inglott | settled | Tirq E S Inglott | **COUNCIL** |
| 204 | 07/09/2021 | Ilmenti fuq ilmijiet fi Triq il-Wied wara x-xita | pending | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 205 | 07/09/2021 | Tappiera tiċċaqlaq fit-Triq il-Wied xħin taqbeċ Triq F.Borg u quddiem 100 Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 206 | 13/09/2021 | Tingħalaq Triq il-Wied bla permess u bla uffiċċjali. | by email settled | Triq il-Wied | **LESA** |
| 207 | 14/09/2021 | Skart ma nġabarx nhar it-Tnejn fi Triq San Mikiel | settled | Triq San Mikiel | **R & A / Contracts manager** |
| 208 | 15/09/2021 | Talba għal linji biex ma jipparkjawx quddiem N/S in Triq il-Wied, ma jkunx jista joħroġ jew jidħol | pending | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 209 | 16/09/2021 | Resident minn Triq Giovanni Curmi qed jilmenta li hemm cable tal-Melita maqtugħ u cables tal-Enemalta mdendlin fil-gallarija tiegħu. | settled | Triq Giovanni Curmi | **Enemalta/Melita** |
| 210 | 16/09/2021 | Dan ir-resident joqgħod ħdejn il-cafeteria fi Triq Dun Karm u l-karozzi neżlin minn Triq G Abos qed iduru bi speed qawwi għas-service road. Qed tkun ta' periku. Jissuġġerixxi xi 'traffic calming' measures. Ilu ħafna jilmenta. | pending | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 211 | 16/09/2021 | Ilment dwar kurdun imkisser fi Triq il-Ħarruba minħabba t-trakkijiet li qed jgħaddu mill-istess triq. Qed jitilgħu fuq il-bankina barra li qed iwaqqghu ir-ramel fit-triq. | pending | Triq il-Harruba | **COUNCIL** |
| 212 | 22/09/2021 | Hemm bozza tixgħel u titfi fuq arblu quddiem il-Liquid Club fi Triq il-Għargħur. | pending | Triq il-Gharghur | **ENEMALTA** |
| 213 | 22/09/2021 | Hemm leakage tal-ilma quddiem Liquid Club fi Triq il-Għargħur. | pending | Triq il-Gharghur | **WSC** |
| 214 | 24/09/2021 | Hemm id-dawl ta' Triq Giorgio Locano u Triq it-Timu mhux jixgħel. | pending | Triq Giorgio Locani/Triq it-Timu | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 215 | 24/09/2021 | Il-ħitan ta' madwar il-kamra tan-nar qed jaqa'. Qed jitolbu biex ngħinuhom. | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |

## 37.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

37.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

37.11.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Godwin Catania.

37.11.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

37.11.4 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal restawr ta' ħitan tas-sejjigħ fi Trejqet San Mikiel mingħand il-fornitur Gary Formosa għall-prezz ta' Eur791.00 VAT inkluż. *Nem con*.

6.48 p.m. Il-Kunsillier Emanuel Zammit talab lis-sedja biex ikun skużat mill-kumplament tal-laqgħa minħabba mpenji oħra.

## 37.12 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

37.12.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

37.12.2 Applikazzjoni PA 06246/21 – Tat-Tabib, street off, Triq ir-Razzett l-Aħmar, Iklin 'Proposed sub-division of one field into two fields, over 1 tumolo each, displacement of internal rubble walls, displacement of front wall to accomodate proposed turning circle of vehicles used for agricultural purpose and installation of 2 timber gates.

Is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk għandniex niktbu lill-Awtorità jew aħjar fuq liema bażi għandu jikteb il-Kunsill meta d-deskrizzjoni tal-applikazzjoni ssemmi ċar sub-division ta' għalqa u għalhekk ikun tajjeb li nistudjaw ftit aħjar din l-applikazzjoni.

Il-Kunsillier Godwin Catania ikkummenta li l-Kunsill dejjem qagħad fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Konsulenti tal-Kunsill.

Kien deċiż li nerġgħu nikkonsultaw mall-Konsulent tal-Kunsill qabel ma nibgħatu s-sottomissjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex issir rappreżentazzjoni fuq il-parir tal-Konsulent.

37.12.3 Applikazzjoni PA 02683/20 – Sqaq Garda Iklin 'To sanction infill material already put on site. The proposal include aslo to infill part of site to the required level and cover with existing soil and the construction of a sheep farm.

37.12.4 Applikazzjoni PA 06152/21 – Triq Ċensu Busuttil Iklin – 'To sanction variations from previously approved permit PA/5003/89 as built including elevation and washroom and to propose to split house into 2 units with minor internal alterations.

## 37.13 FINANZJAMENT TAL-MILIED 2021

37.13.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li kienet ħarġet skema dwar Finanzjament tal-Milied li d-*deadline* tagħha huwa s-7 ta' Ottubru.

37.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għadda t-tagħrif dwar din l-iskema għall-interess tal-preżenti u fejn informa li l-iskema tista tapprova spiża sa massimu ta' Eur45k għall-programm ta' attivitajiet natalizji.

37.13.3 Wara diskussjoni wiesgħa, kien deċiż li l-Kunsill jirriżolvi f'Kumitat biex jiddiskuti, jevalwa u jfassal proposta. Kien deċiż li jitlaqqa s-sotto-kumitat fl-immedjat biex jistudja l-iskema fid-dettal.

6.52 p.m. Il-Kunsillier Bernice Farrugia talbet lis-seduta biex tiġi skużata mill-kumplament tal-laqgħa minħabba mpenji oħra.

**37.14 TMIEM TAL-LAQĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

37.14.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ottubru 2021 fil-5.30 p.m.

37.14.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ottubru 2021 fil-5.30 pm.

37.14.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.58 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |